KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL B'URĠENZA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 32 – IL-ĦAMIS 20 T'APRIL 2017**

**Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar mis-18:30 sas-19:35.**

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Graziella Galea** | **Sindku** |
| | **Raymond Tabone** | **Kunsillier (18:34)** |
| | **Paul Bugeja** | **Kunsillier** |
| | **Joseph Vella** | **Kunsillier** |
| | **Antoinette Bezzina** | **Kunsillier** |
| | **Stephen Cremona** | **Kunsillier** |
| | **Robert Piscopo** | **Kunsillier** |
| | **Malcolm Agius** | **Segretarju Eżekuttiv** |
| **Assenti b'Apoloġija:** | **David Thake** | **Kunsillier** |
| | **Matthew John Barbara** | **Kunsillier** |
| **Assenti:** | **Alfred Grima** | **Kunsillier** |
| | **Anne Fenech** | **Kunsillier** |
| | **Daniel Grima** | **Kunsillier** |
| | **Mandy Buhagiar** | **Kunsillier** |

***Il-laqgħa kienet qed tiġi trasmessa dirett.***

## 1. NUQQAS TA' QUORUM

**1.1 Fil-ħin li ġiet imsejjħa l-laqgħa kien hemm nuqqas ta' Quorum. Kienu preżenti 6 kunsilliera. Fis-18:34 wasal il-kunsillier Tabone u l-laqgħa setgħet tibda.**

## 2. APPROVAZJONIJIET TAL-BUDGET 2017

2.1. Ssaret mistoqsija mill-kunsillier Bugeja dwar it-talba għal allokazzjoni ta' €50,000 u €20,000 għal tiswija ta' bankini u żebgħa fir-rigward ta' persuni b'diżabilita' fil-lokalita'. Ġie spjegat li hemm allokazzjoni finanzjarja biżżejjed iżda dawn l-items ma jistghux jitnizzlu bhala item separata peress li t-template ta' l-estimi finanzjarji huwa standard kif mibghut mid-Dipartiment.

2.2. Is-Sindku ssuġġeriet ukoll li jiżdied l-ammont ta' €5000 għal twinning ma' lokalitajiet oħra barra minn Malta. Kien hemm qbil dwar dan.

2.3. Wara li ġew iċċarati dawn il-punti, kien hemm qbil unanimu dwar il-budget 2017 u l-business plan 2017-2019, bl-emendi msemmija fil-punti preċedenti.

2.4. 2B) POŻIZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IR-RILOKAZZJONI TAL-FISHFARMS:

2.5. Is-Sindku spjegat li lbieraħ issejħet laqgħa għall-kunsilliera u l-pubbliku u semmiet il-punti prinċipali li ssemmew matul din il-laqgħa.

2.6. L-ewwel punt li kien hemm qbil dwaru kien li l-bajjiet u l-ibħra jibqgħu nodfa matul is-sena kollha, kif ukoll li l-Kunsill Lokali għandu jinsisti li kull min hu kkonċernat għandu jieħu l-miżuri neċessarji biex il-bajjiet u l-ibħra jibqgħu dejjem nodfa. Punti oħra li ssemmew u kien hemm qbil dwarhom kienu li s-sitwazzjoni tas-sena l-oħra mhix aċċettabli, li l-fishfarms għandhom jiġu rilokati 'l boghod mill-bajja skond iż-żmien stipulat mill-Awtoritajiet konċernati sal-aħħar ta' Mejju, li f'każ ta' impatt negattiv wara r-rilokazzjoni, il-kunsill għandu joġġezjona.

2.7. Is-Sindku nfurmat ukoll li l-Kunsill huwa nfurmat li għaddej studju dwar żona akwakulturali fit-Tramuntana ta' Malta. Il-Kunsill Lokali għandu jinsisti mal-Gvern biex dan l-istudju ma jieħux fit-tul u jiġi konkluż immedjatament.

2.8. Matul il-laqgħa ta' lbieraħ issemmiet il-problema ta' l-għalf waqt intervent mill-applikant li qal li dan ser jinbidel u li ser ikun qed isir monitoring kontinwu, li ser isiru oil booms madwar il-gaġġeġ tat-tonn kif ukoll oil skimmers.

2.9. L-applikant intrabat li r-riżultati ta' testijiet u rapporti li jsiru fuq bażi regolari għandhom jghaddu lill-kunsill. L-applikant aċċetta wkoll il-kundizzjoni li l-kunsill ikun jista' jitlob lis-sid li ssir spezzjoni minn xi ħadd imqabbad mil-Kunsill.

2.10. Is-Sindku qalet li kien hemm qbil li l-għan aħħari huwa li r-residenti jgawdu l-ambjent, il-bajjiet u l-ibħra tal-madwar. Spjegat li l-applikant hu marbut li l-fishfarms eżistenti għandhom jiġu

**rilokati sa l-aħħar ta' Mejju. Issemma li għalkemm bħalissa hemm applikazzjoni waħda dwar il-fishfarms taċ-Ċirkewwa, iżda l-Kunsill ġie infurmat mill-applikant li fil-jiem li ġejjin ser tkun qed titressaq l-applikazzjoni għall-gaġġeġ l-oħrajn li qegħdin fil-ponta tal-Qawra sabiex dawn jiġu rilokati aktar 'il barra ukoll. Is-Sindku qalet li ż-żewġ fishfarms għandhom jiġu rilokati 'l bogħod mill-bajja. Ġie propost li jkun hemm garanzija finanzjarja u l-kunsill jipproponi lill-PA biex l-applikant jagħmel din il-garanzija bankarja.**

**2.11. Fuq mistoqsija tal-kunsillier Piscopo, is-Sindku spjegat li waħda mill-kundizzjonijiet għandha tkun li kif ser jiċċaqilqu l-fishfarms taċ-Ċirkewwa, il-gaġġeg tat-tonn li jinsabu f' San Pawl għandhom joħorġu magħhom ukoll. Is-Sindku spjegat ukoll li waqt il-laqgħa ntqal li din hija applikazzjoni temporanja u mhux permanenti.**

**2.12. Is-Sindku pproponiet li ssir din ir-rappreżentazzjoni ġenerali bil-kundizzjonijiet li ssemmew matul din il-laqgħa. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Kien hemm ukoll qbil unanimu li tinħareġ stqarrija għall-istampa dwar dawn il-punti li ssemmew.**

## 3. TMIEM TAL-LAQGĦA

**3.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19:35**

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| **Graziella Galea** | **Malcolm Agius** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |